Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 12 ta' Ottubru 2018
(OR. en)

13101/18

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2018/0345(NLE)**

ECO 85
ENT 189
MI 711
UNECE 13

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru. dok. preċ.: | 13076/18 |
| Nru dok. Cion: | 13057/18 + ADD 1 |
| Suġġett: | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitati rilevanti tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tal-proposti għal modifiki tar-Regolamenti tan-NU Nri 3, 4, 6, 7, 11, 14, 16, 17, 19, 23, 24, 27, 29, 34, 37, 38, 43, 44, 46, 48, 50, 53, 60, 67, 69, 70, 74, 77, 83, 86, 87, 91, 94, 95, 98, 99, 100, 101, 104, 105, 110, 112, 113, 119, 121, 123, 128, 129, 132 u 137 u tar-Regolament Tekniku Globali tan-NU Nru 9, kif ukoll fir-rigward tal-proposti għal tliet Regolamenti ġodda tan-NU<br>- Adozzjoni |

1. Fl-10 ta' Ottubru 2018 il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta ta' hawn fuq.

2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Armonizzazzjoni Teknika (Vetturi bil-Mutur) kien diġà eżamina din il-proposta fis-26 ta' Settembru 2018 abbażi ta' kopji preliminari.

3. Fl-10 ta' Ottubru 2018, il-proposta tal-Kummissjoni ġiet ippreżentata u eżaminata fil-Grupp ta' Ħidma dwar Armonizzazzjoni Teknika (Vetturi bil-Mutur). L-Italja ressqet emenda għall-proposta tal-Kummissjoni li kienet appoġġata mid-delegazzjonijiet kollha.

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden:

   - jikkonferma l-qbil li ntlaħaq mill-Grupp ta' Ħidma,

- jissuġġerixxi lill-Kunsill jadotta, fil-parti "A" tal-aġenda tiegħu f'laqgħa li jmiss, it-test ta' din id-Deċiżjoni kif jinsab fid-dokument 13073/18 wara l-finalizzazzjoni tiegħu mill-ġuristi-lingwisti.

5. F'konformità mal-Artikolu 218(9) TFUE, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ser jgħarraf lill-Parlament Ewropew dwar l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.